MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 217/2014

**FACEWORKS LIMITED** (C-43759)

vs

**FITHOME CREATIVE INTERIORS LIMITED** (C-49375)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-12 ta' Marzu, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-

artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ ħamsa u sebgħin elf, seba’ mija u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€75,760.24) li tirrappreżenta l-prezz ta’ xogħlijiet ta’ skavar magħmulin minnha fuq talba tal-kumpannija mħarrka f’sit li jinsab ġo San Ġwann, skond kuntratt ta’ sub-appalt tal-20 ta’ Diċembru, 2012;

Talbet ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata, li dehret għas-smigħ mgħejjuna minn avukat imqabbad minnha;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum minn rapprezentant tal-kumpannija mħarrka, li permezz tagħha ammettiet it-talbiet tal-kumpannija attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-fatt innifsu tal-ammissjoni t-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fl-ammissjoni tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka, biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta’ ħamsa u sebgħin elf, seba’ mija u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€75,760.24) rappreżentanti l-prezz tax-xogħlijiet sub-appaltati fuq

imsemmija, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-10 ta' Jannar, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**3)** Tikkundanna lis-soċjeta mħarrka tħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------